Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Seduta numru 4 tas-7 Leġislatura**
**Illum l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013**

**-MINUTI-**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr fil-5.30p.m. nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013 għas-Seduta numru 4 fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Permessi tal-Gabbani tal-Festa
5. Festival Hidmet Missirijietna
6. Proposti ta' town-twinning
7. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Punti mill-Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 Dwar punt 3.2 – il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' manutenzjoni tal-playing fields.

1.3 Dwar punt 5.3 – Il-Kunsill qabel li dan il-Jazz Night issir darb' oħra sabiex ikun hemm ċans jiġi organnizzat aħjar.

1.4 Dwar punt 6.2 – Elizabeth Ebejer semmiet li xtaqet iżżid inizzjattiva ta' kollezzjoni u eżibizzjoni ta' ritratti antik tal-lokalita' Semmiet ukoll li kienet agħmlet kuntatt sabiex il-Kunsill jakwista ritratt antik tal-lukanda tal-bajja ta' Għajn Tuffieħa.

1.5 Elizabeth Ebejer staqsiet kjarifika dwar rapport tal-Customer Care numru 199-130-911-886-56. Is-Segretarju Eżekuttiv semma' li kien ser jiċċekkja dwaru.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Is-Segretarju informa li kien irċieva notifika mill-HSBC li kienu ser jinbidlu il-proċeduri tal-Internet Banking u li ser ikun applikabbli rati ta' ħlas differenti.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li kien sar xoghol ta' rinnovament fl-aperturi tal-aluminium tal-lattrini tal-bajja tal-Ġnejna.

3.2. Is-Sindku informa li kien ser jattendi għall-laqgħa tal-ADI Associates dwar il-proġett Natura 2000.

3.3 Is-Sindku informa li il-Kunsill irċieva rapport tal-MEPA dwar bżonn ta' survey għall-proġett tal-Ġnien ta' Housing Estate. L-ispiza approssimattiva ta' dan is-survey hija ta €588.

3.4 Il-kunsill qabel li ssir sejħa għall-offerti ta' konkos taħt il-Misura 125. Eman Vella ser jissupplixxi l-informazzjoni.

3.5 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tinħareġ sejħa għall-akkwist ta' żewġ fridges (waħda fuq fiċ-ċentru ta' matul il-jum u l-oħra fil-kċina fl-ewwel sular) kif ukoll Air Conditioner għall-uffiċċju tas-Sindku u ieħor għar-reception.

**4. Permessi tal-Gabbani tal-Festa**

4.1 Is-Sindku informa li kienu saru diversi laqgħat u diskuzzjonijiet dwar din il-kwistjoni. Semma' wkoll li kien infurmat li kienu saru diskussjonijiet bejn l-avukat rapreżentant tas-sidien tal-permessi tal-gabbani u l-avukat rapreżentant tal-kumitat tal-festa u kien sar qbil verbali li il-gabbani jitħallew jarmaw hekk kif ġej:

- Fi' Triq Sir Harry Luke quddiem il-Kunsill;
- Fi' Triq Mons Vella;
- Fuq il-bankina taħt il-Knisja;
- Fuq il-bankina wara fejn hemm is-salib.

4.2 Għaldaqstant ser issir laqgħa minn rappreżentanti tal-Kunsill, rappreżentanti tal-Kumitat tal-festa kif ukoll rappreżentanti tas-sidien tal-permessi tal-gabbani fuq il-post biex jiġu evalwati il-postijiet hekk kif imsemmija hawn fuq. Din il-laqgħa hija ppjanata li ssir fl-1 ta' Lulju li ġej.

**5. Festival Hidmet Missirijietna**

5.1 Il-Kunsill ser ikun qed jorgannizza dan il-festival fl-ewwel tmiem il-ġimgħa tal-Lulju.

5.3 Clayton Gauci semma li kien hemm bżonn li jiġu ordnati 2 mobile-toilets, 2 wardens u kien hemm bżonn ukoll il-van tal-Kunsill għall-ġarr ta' materjal u barriers.

5.4 Kien hemm rispons tajjeb għall-propoganda ta' dan l-avveniment.

**6. Proposti ta' town-twinning**

6.1 Issemma' li waqt diskussjoni li il-Kunsill kellu mal-MEUSAC dan l-aħħar, ħarġet l-idea tiġi esplorata l-possibilta' li ssir attivita' marbuta mal-proġett Europe for Citizens.

6.2 Is-Sindku semma' li wara iż-żjara tiegħu f' Lago Santo fl-Italja, kien qed jipproponi li jsir 'patto d' amicizia' ma' din il-lokalita'. Il-Kunsill approva din il-proposta.

6.3 Is-Sindku semma' wkoll li kien irċieva proposta biex issir żjara ta' nies mill-Imġarr f' Castelmola, fi' Sqallija. Il-Kunsill qabel li tiġi esplorata din il-possibilita'.

6.4 Is-Sindku semma' li kien sar kuntatt mill-pittur Olaf Schabbach, li xogħlijiet tiegħu huma eżibiti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, sabiex isir skambju mal-belt fejn joqgħod, Morbach, fil-Ġermanja. Il-Kunsill evelwa din il-proposta u ra li ikun xieraq li ssir żjara f' Ottubru li ġej minn rappreżentanti tal-Kunsill biex jesploraw il-possibilita' ta' skambju ma' din il-lokalita'.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Eman Vella semma' li il-Kunsill kien ser japplika għall-Miżura 125 tal-Majjistral Leader Group li tinkludi l-għotja ta' konkos fit-trejqiet tal-kampanja.

7.2 Clayton Gauci staqsa jekk kinits ser issir iċ-ċatra tal-Ġnejna. Is-Sindku wieġeb li kienet ser tkun lesta fil-ġranet li ġejjin.

7.3 Clayton Gauci semma' li kien hemm bżonn xogħol ta' konkoż fl-inħawi tal-Bokka taċ-Ċarċara biex it-triq tingħaqad. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol iseħħ.

7.4 Clayton Gauci informa li l-Għaqda tal-Volleyball kienet qed tgħaddi donazzjoni ta' €100 għal-użu tas-Sala tal-Kunsill aktar kmien. Il-Kunsill irringrazzja ta' dan.

7.5 Clayton Gauci ippropona li jsir transport mill-lokalita' għall-kunċert Isle of MTV li kien ser isir fuq il-Fossos tal-Furjana. Il-Kunsill approva.

7.6 Mario Sammut semma' li peress li kien ingħata l-inkarigu li jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni tal-Kunsill 'Il-Miġbħa', hu kien qed jipproponi li għalkemm jinżamm l-istess format ta' pubblikazzjoni, kien ser jibda' jingħata aktar emfażi fuq ix-xogħol tal-Kunsill u proġetti futuri u mhux biss fuq dawn passati. Kienet ser tiġi introdotta wkoll sezzjoni edukattiva għat-tfal.

7.7 Mario Sammut semma wkoll li kien qed jipproponi li il-Kumitat taż-Żgħażagħ jiġi affiliat mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u Mario Sammut kien ser jara x' kien hemm bżonn biex dan iseħħ.

7.8 Mario Sammut informa li, fil-kapaċita' tiegħu ta' Kunsillier responsabbli mir-relazzjonijiet pubbliċi, kien ser jibda' jiltaqa' mal-organizzazzjonijiet tal-lokalita' u stake-holders involuti biex jieħu feedback mingħandhom. Semma' wkoll os ser ikun qed jaħdem fuq Traffic Management Plan biex finalment jgħaddih għad-diskuzzjoni tal-Kunsill.

7.9 Elizabeth Ebejer semmiet li kien ser jiġi organizzat il-kors Dinjiet Parallelli dwar kitba kreattiva u li ser jikkonsisti f' numnru ta' 6 laqgħat.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

7.10 Eliżabeth Ebejer resqet proposta li jsiru laqgħat mal-iskola tal-lokalita' dwar il-patrimonju ta' l-Imġarr. L-idea hi li it-tfal isiru aktar konxji mill-patrimonju storiku u fiżiku tagħhom li tgħin fl-iżvillupp edukattiv tagħhom.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-9 :17 pm, u sar aġġornament għall-Erbgħa 10 ta' Lulju 2013.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku